# L-Aħbar

mill-Provinċja S. Pawl Appostlu - Malta

Jannar 2016
Nru. 203


HANINA BĦALL-MISSIER

# Milied flimkien mal-familjari tagħna



Fid-Dar tal-Irtiri Proziuncola ġiet iċċelebrata il-festa tal-Milied flimkien mal-familjari tal-patrijiet, nhar it-Tnejn 28 ta' Diċembru. Il-laqgħa bdiet b'quddiesa immexxija mill-Ministru Provinċjal P. Richard S. Grech OFM.

Fl-omelija tiegħu beda biex ta' merħba lil dawk li jinsabu barra minn xtutna jew fuq studju jew fuq xogħol, imma b'mod partikolari lil E.T. Mons. Sylvester Magro, OFM li kien qed jattendi għall-ewwel darba. Huwa kompla dwar is-sabiħ li ngħixu żmien il-Milied b'mod liberu u fuq l-importanza li nagħtu kelma ta' kuraġġ lil xulxin u kelma ta' ġid li tista' tgħinna niġbdu iżjed vokazzjonijiet.

Huwa żied igħid li Ġesù ġie għal tlett kategoriji ta' nies partikolari: l-ewwel, għal dawk li jħossuhom weħidhom, it-tieni, għal dawk li f' dawn il-ġranet huwa diffiċli għalihom li jifirħu għal diversi raġunijiet u t-tielet, għal dawk li fil-ħajja tagħhom paċi m'għandhomx. Ġesù ġie biex ikun magħna, biex iġibilna l-paċi, biex ma nkunux weħidna.

Wara l-quddiesa kulħadd inġabar fir-Restaurant 'Da Francesco' tal-istess Dar għal ikla flimkien. Din hija attivtà annwali fejn il-patrijiet u l-familjari jiltaqgħu biex jitolbu u jaqsmu l-awguri tal-Milied.







## *"Fresh page. Fresh line!"*

Sena ġdida, Bidu ġdid. Sfidi ġodda. Opportunitajiet ġodda. Xewqat, proponimenti kemm trid! Bħallikieku indawru paġna ġdida fil-ktieb ta' ħajjitna. Niftakarni meta kont għadni tifel zgħir meta għal xi snin kont niffrekwenta l-iskola ta' Saint Joseph ġewwa r-Rabat, ħdejn San Duminku, skola kif konna insejħulha "tan-nuna"! Is-soru kienet tgħidilna, "Fresh page. Fresh line!" u kull xogħol li konna nibdew, fuq in-naħa tax-xellug tal-paġna ġdida konna nniżlu d-data u n-naħa l-oħra tal-lemin l-inizzjali sbieħ, "J.M.J." "Jesus, Mary and Joseph". U ngħid għalija kemm kont nieħu gost nikteb fuq paġna ġdida dik tan-naħa tal-lemin tal-pitazz! Niftakar li l-ewwel kelma bl-Ingliż li kont tgħallimt nispelli ta' tifel żgħir li kont kienet il-kelma "beautiful!" Mhux xi kelma mono sillaba u għalhekk mhux kelma daqshekk ħafifa biex tifel ta' ftit snin fi stage one, kif kienu mqassmin il-klassijiet dak iż-żmien, jitgħallem!

Imma għal ħafna l-ewwel tas-sena huwa jum bħall-oħrajn, mingħajr ma jħossu l-bżonn li jaħftu din l-opportunità ta' "Bidu Ġdid". Kif inqatgħu ċerti drawwiet tal-imgħoddi! Kemm qisu d-dinja trid tagħmel minn kollox biex tnessina l-preżenza ta' Alla f'ħajjitna u ta' dak kollu

*ikompli f'paġna 2*

minn paġna 1

li għamel u jagħmel magħna u għalina. Min ma jiftakarx mqar il-karozzi tal-linja li kellna qabel, kollha lwien differenti skont ir-raħal u l-belt, imma li kellhom xi ħaġa komuni. Ma kontx titla' fuq karozza tal-linja u ma ssibx wara il-kabina tax-xufier xi xbiha tas-Sagra Famija tal-ġibs jew tal-karta u l-kliem tant sabiħ, "Verbum Dei Caro Factum Est". Kemm baqa' min ukoll irodd salib meta jirkeb fuq tal-linja?

Għal ħafna dawn jistgħu ikunu affarijiet żgħar li ma jfissru xejn. Ħmerijiet ta' min huwa moħħu magħluq u antikwat. Imma għal min jemmen huma sinjali ta' twemmin u għajn ta' konsolazzjoni. Nippreferi inkun "moħħi magħluq" u "antikwat", imma nħossni li m'hinix waħdi f'din id-dinja, f'din il-ħajja. Milli niftaħar u nippretendi li għandi moħħi miftuħ, u li jiena persuna emanċipata, imma fl-istess ħin inħossni mtaqqal u ddisprat għax qiegħed inġorr kollox waħdi! Kemm nixtieq li aħna lkoll, kull wieħed minna, kuljum jibda' l-jum bl-ittri kbar, "J.M.J." u jistqarr bil-qawwa tiegħu kollha, waqt li jemmen li tassew, "Verbum Dei Caro Factum Est"!

Il-Mulej jagħtina s-Sliem!

*P. Richard S. Grech, OFM*
*Ministru Provinċjal*

## Aħbarijiet mid-Definitorju Provinċjali

Fl-aħħar laqgħa tad-Definitorju Provinċjali li saret nhar is-16 ta' Diċembru 2015, ġewwa Porziuncola Retreat House, Baħar iċ-Ċagħaq ġie deċiż dan li ġej:

a. P. Joseph Magro ofm inħatar Vigarju tal-Kunvent ta' Sant'Antnin ġewwa Għawdex. Issa għalhekk il-fraternità hija iffurmata b'dan il-mod, jiġifieri P. Joe Caruana ofm, Gwardjan u Sagristan Maġġur, P. Joseph Magro ofm, Vigarju tal-Fraternita' u P. Marcello Ghirlando ofm Ekonomu tal-Kunvent.

b. P. Twanny Chricop ofm ġie maħtur Vigarju tal-Fraternità tagħna ta' Santa Marija ta' Ġesù tal-Belt Valletta.

c. P. Magdy Helmy ofm, Gwardjan tal-Fraternita' ta' San Franġisk ġewwa Tripli fil-Libja.

Id-Defintorju Provinċjali ddiskuta wkoll il-possibilità li l-Provinċja tipparteċipa fi program ta' Novizzjat komuni bejn il-Provinċji tal-Irlanda, Olanda, Ġermanja, Litwanja u l-Kustodja tal-Ingilterra, ġewwa l-Irlanda. Malta kienet mistiedna għal laqgħa li saret ġewwa Munich f'Novembru li għadda u li għaliha attenda P. Marcellino Micallef ofm, Vigarju Provinċjali. Ġie deċiż li sa fejn huwa possibbli, in-Novizzjat jibda' jsir Malta. Jekk le nkomplu bin-Novizzjat ġewwa San Damjan. L-aħħar option tkun l-Irlanda, kemm-il darba ma jkunx hemm wisa' ġewwa Assisi.

Giet diskussa wkoll il-possibilità li naħdmu mal-Kustodja tal-Ingilterra billi nieħdu waħda mill-parroċċi li ser ikollhom iħallu minħabba nuqqas ta' patrijiet. Għal dan il-għan għandu jiġi Malta il-Kustodju tal-Ingilterra biex nibdew laqgħat konġunti u naraw kif nistgħu naslu biex nwettqu dan il-proġett.

Rajna wkoll l-ewwel pjanta ta' kunventin li ser jinbena fuq iċ-ċentru ta' Sant' Antnin ġewwa Għawdex. Biex inkunu nistgħu nieħdu deċiżjoni aħħarija ġie deċiż li laqgħa oħra tad-Definitorju Provinċjali issir fuq il-post. Tkellimna wkoll fuq il-ħsieb li jinbena fuq partijiet mid-Dar tal-Irtiri, it-tielet sular li jkun jospita lill-aħwa morda u anzjani peress li fid-Domus Pacis hemm post limitat u t-talba minn aħwa li jkunu jixtiequ jew jeħtieġu li jmorru hemm fiż-żmien li ġej mistennija tkun akbar aktar ma jgħaddi ż-żmien. Diġa nafu li l-MEPA tista' tagħtina li nibnu dan it-tielet sular u tkellimna ma' perit sabiex jħejji pjanta.

Il-Provinċjal ħabbar ukoll id-dati tal-Viżta Kanonika li jmissu jagmel fix-xhur li ġejjin, li huma:

15 ta' Jannar: Santa Marija tal-Anġli
18 ta' Jannar: Domus Pacis
22 ta Jannar: Lab. tal-Paċi Ħal Far
11 u 12 ta' Frar: Valletta
15 u 16 ta' Frar: Rabat
19 ta' Frar: Dar Frate Jacoba, Wied il-Għajn
23 u 24 ta' Frar: Sliema
2 u 3 ta' Marzu: Ħamrun
10 ta' Marzu: Għawdex

Għal din il-Viżta Kanonika ġie magħżul P. Joseph Magro ofm bħala Segretarju.

Il-laqgħa intemmet b'ikla flimkien ġewwa ir-restaurant tagħna *Da Francesco* kif issa ġiet żviluppata d-dining area ta' Porziuncola Retreat House, bħala parti mill-proġett taċ-Ċentru Franġiskan kif ġie deċiż il-Kapitlu Provinċjali tas-sena 2014.

### Jannar
## Appuntamenti

**6** ta' Jannar, Festa tal-Epifanija: Klarissi S.Ġiljan fis-6.00pm

**11** ta' Jannar, Definitorju Provinċjali: Għawdex

**15** ta' Jannar, Vista kanonika - Santa Marija tal-Angli

**18** ta' Jannar, Vista kanonika - Domus Pacis

**22** ta' Jannar, Vista kanonika - Laboratorju tal-Paċi

**25** ta' Jannar, Konversjoni ta' San Pawl: Festa tal-Provinċja

### Birthdays - Jannar

06. P. Cherubin Galea
08. P. Adrian J. Cachia
08. P. Mark Ciantar
09. P. Charles Grech
31. P. Sandro Overend

### Festi - Jannar

16. P. Marcello Ghirlando
20. P. Sebastian Camilleri
27. P. Julian Sammut

# "Għax għal dejjem il-ħniena tiegħu!"

Fil-bidu ta' kull tas-Sena Ċivili, l-Knisja mill-ġdid iddawwar il-ħarsa tagħha fuq il-Verġni Marija, Omm Alla. F'din is-Sena Ġubilari tal-Ħniena din il-Verġni għandha post mill-aktar ċentrali għax hija Omm il-Ħniena Divina. Marija fuq il-għadba tad-dar ta' Eliżabetta titlob u tfaħħar bil-ferħ lil Mulej għax 'Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien'. F'din is-sena ta' grazzja bħal Marija aħna wkoll nistgħu induqu mill-ħlewwa tal-imħabba tal-ħniena tiegħu.

Fil-Bolla tal-Indizzjoni tal-Ġublew tal-Ħniena, '*Misericordiæ Vultus*', il-Papa Franġisku jgħidilna: 'Il-ħsieb tagħna jdur issa fuq Omm il-Ħniena. Il-ħlewwa ta' ħarsitha sseħibna tul din is-Sena Mqaddsa, biex ilkoll kemm aħna nistgħu niskopru mill-ġdid il-ferħ tal-ħlewwa ta' Alla. Ħadd daqs Marija ma għaraf il-qawwa tal-misteru ta' Alla magħmul bniedem. Kollox fil-ħajja tagħha kien magħġun mill-preżenza tal-ħniena li saret laħam. Omm il-Mislub Rxoxt daħlet fis-santwarju tal-ħniena divina għax ħadet sehem intimu fil-misteru ta' mħabbtu.' (*Misericordiæ Vultus 24*)



San Franġisk t'Assisi, isellem lil Verġni Marija b'dan il-Kliem: 'Fik kien hemm u hemm il-milja tal-grazzja u ta' kull ġid. Sliem għalik palazz tiegħu, Sliem għalik tabernaklu tiegħu, Sliem għalik dar tiegħu, Sliem għalik ilbies tiegħu, Sliem għalik qaddejja tiegħu, Sliem għalik Omm tiegħu.'

Tixtieq tkompli tiskopri aktar il-ferħ tal-vokazzjoni tiegħek fl-imħabba ta' Omm il-Ħniena? Ejja u ara, għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.

*P. Stephen Magro, OFM*
*Animatur Vokazzjonali*

# Jagħmel parti mill- Kor 'Vox Angelorum'



Matul din is-sena Fr. Clive Camilleri, OFM li jgħix fil-Parroċċa ta' San Gregorio VII, qalilna li bħalissa hu qed jifforma parti mil-kor ewlieni tal-Parroċċa, il-Kor 'Vox Angelorum'.

Hu qal li dan huwa kor polifoniku iffurmat min madwar 25 persuna rġiel u nisa jiltaqgħu kull nhar ta' Ħamis għal provi. Ikantaw ukoll fil-quddies tal-11.30am kull nhar ta' Ħadd. "Kantajna ukoll fil-festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni f'waħda mil-knejjes iddedikata lilha fiż-żona tal-Parroċċa tagħna, fejn kellna quddies u wara festa familjari flimkien. Matul iż-żmien tal-Milied kelna diversi impenji, fostom żewġ kunċerti tal-Milied fil-Parroċċa.

Għalija din hi esperjenza li qed nieħu gost ngħix, fejn qed nieħu esperjenza professjonali ġo kor ta' kalibru. Il-kant hu xi ħaġa li nieħu gost nagħmel, u f'din l-ewwel espejenza tiegħi qed noħodha bis-serjeta sabiex tiswili ta' ġid.

Iżda apparti dan kollhu, is-sabiħ ta' dan il-grupp hu li il-laqgħat tagħna ikunu dejjem f'ambjent ta' ħbiberija u familjarita' kbira, speċjalment kull nhar ta' Ħamis fejn wieħed apparti li nipprattikaw il-kant, nitkellmu flimkiem bħal grupp ta' ħbieb. Nirringrazzja l'Alla ta' din l-esperjenza li nemmen li se tiswa għal quddiem.

## XXXI Kungress tal-Formazzjoni u l-Istudji




Il-Konferenza Taljana COMPI organiżat Kungress tal-Formazzjoni u l-Istudji f'Assisi, intitolat "Evangelium Observare. Il-ħajja evanġelika: il-post naturali ta' edukazzjoni u evanġelizzazzjoni".

Għal dan il-Kungress ħa sehem P. Joseph Magro, OFM li sar bejn it-23 u s-26 Novembru. Dan il-kunġress kellu diversi kelliema li tkellmu fuq il-Formazzjoni u l-Animazzjoni Vokazzjonali, fosthom il-Ministru Ġenerali P. Michael Perry, OFM, P. Salvatore Ferro, OFM, Segretarju Nazzjonali għall-Formazzjoni u l-Istudji u oħrajn. Fost it-temi trattati kien hemm: "Mill-ħajja regolari għar-"Regola u Ħajja"; "Ħajja skond l-Evanġelju. Mill-Formazjoni Evanġelika għall-evanġelizzazzjoni"; "Is-skiet id f'id mal-Vanġelu (RNB XVII, 3): Mixja li tibda mill-ewwel esperjenza tal-ewwel aħwa".

Il-Kungress ntemm b'Quddiesa ċċelebrata mill-President tal-COMPI, P. Sabino Iannuzzi, OFM, fil-kripta ta' San Franġisk.



## Laqgħa mal-Isqof Mario Grech



Il-fraternità ta' Għawdex attendiet għal-laqgħa ta' aġġornament li minn żmien għal żmien id-djoċesi t'Għawdex torganizza għal-Kleru tagħha. Waħda minn dawn il-laqgħat saret fl-14 ta' Novembru u ġiet immexxija mil-Isqof Mario. Huwa tkellem fuq l-esperjeża tiegħu tas-sinodu.

Hu tkellem fuq il-bżonn ta' Konverżjoni pastorali u dan għaliex is-sinodu kien ħafna iktar minn sinodu fuq il-familja. Tkellem ukoll fuq: Il-Familja: It-triq tal-Knisja u ċ-ċentru tal-pastorali tagħna. L-Ekklesjoloġija: x'tip ta' Knisja qed ngħixu u qed nipproponu; Knisja missjunarja jew Knisja magħluqa (autoreferenzjali).

Importanti li tkun Knisja li taħdem man-nies, Knisja fid-dinja tallum.

Tkellem ukoll fuq il-ministeru tal-Isqof li jippotenzja l-Knisja partikolari, biex jiġu affrontati r-realtajiet ta' kull Knisja ta' kull kontinent.

Semma' l-ispirtu ta' Sinodalità. Li nimxu u ngħixu flimkien. Napprofondixxu d-duttrina tas-sagramenti: Magħmudija, Rikonċiljazzjoni u Ewkaristija (il-mediċina/ħobż ta' min qiegħed miexi u jterraq it- triq tal-ħajja).

## Irtir tax-xahar mal-Patrijiet ta' "Domus Pacis"



Il-fraternità tal-Ħamrun stiednet lill-ħutna Patrijiet anzjani residenti ġewwa d-"Domus Pacis" f'Baħar iċ-Ċagħaq nhar is-Sibt 5 ta' Diċembru 2015. Dan sar biex flimkien jiċċelebraw l-irtir tax-xahar ta' Diċembru li kien bit-tema s-"Sena Ġubilew – is-Sena tal-Ħniena".

Dan l-irtir kien immexxi min P. Baskal Magro ofm. Conv. Li tkellem partikolarment fuq l-ittra li ħareġ riġward dan is-sena ta' grazzja. Wara komplew b'ikla fraterna flimkien.

## Isqof Mario Grech mal-fraternità ta' Għawdex

L-isqof Mario Grech kien il-mistieden għal ikla fraterna mal-fraternità ta' Għawdex, l-Erbgħa 16 ta' Diċembru. Waqt din il-laqgħa huwa qara d-diġriet li ta lil P. Marcello Ghirlando, OFM bħala delegat tiegħu għar-reliġjużi.

Hu ħa l-okkażżjoni biex jiringrazzja lil fraternità tas-servizz li huma jagħtu lil Knisja lokali u lilu personalment. Għal din l-ikla kien mistieden ukoll l-Arċipriet tal-Parrocca Dun Frankie Bajada.

## President u koordinatur tal-Kummissjoni Liturġika tal-Ordni

Fis-sessjoni tad-Definitorju Ġenerali li saret nhar is-17 ta' Diċembru, P. Sandro Overend, OFM ġie nominat President u koordinatur tal-Kummissjoni Liturġika tal-Ordni. Bħalissa P. Sandro huwa l-Gwardjan tal-Kuria Ġenerali f'Ruma.




***Is-Sibt 09 ta' Jannar 2016 (9.00am - 12.30pm)***

### *Irtir ta' Dixxerniment Vokazzjonali*

ikkuntatja lil P. Stephen Magro OFM
fuq 99275560
Dawn l-Irtiri ta' Dixxerniment huma bla ħlas
Post: Dar tal-Irtiri Porziuncola - Baħar iċ-Ċagħaq

***Nitolbu u nżuru:***

lil **P. Ġwann Micallef, OFM** li għandu infezzjoni qawwija f'widintu l-leminija. Għandu ħafna materja. Qed jippruvaw ifejqu ħ b'*intravenous anti biotics* biex jevitaw operazzjoni. Jekk le ikollhom joperawħ b'riskju għal qalbu!
Hu jinsab l-isptar Mater Dei,
ENT green room 4 bed 11. Tel. 27708011.

**L–AĦBAR** *mil-Provinċja San Pawl Appostlu - MALTA* - ***Editur:*** *P. Joseph Magro OFM*
***eMail:*** *jmagro@ofm.org.mt* - ***tel:*** *+356 21556095 - http://www.ofm.org.mt - www.fb.com/ofm.org.mt*